**Laqgha Numru 13/K6/2011**

**Introduzzjoni**

It-Tlettax il-Laqgha tas-Sitt Legislatura tal-Kunsill Lokali Pembroke ghas-sena 2011 li saret nhar l-Erbgha 18 ta' Mejju 2011.

Il-Kunsill iltaqa' fl-Ufficcju Amministrattiv tieghu, Triq Alamein, Pembroke, fil-5.30 pm.

Prezenti: Is-Sindku Joe Zammit, il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli u l-Kunsilliera Evelyn Vella Brincat u Joe Brincat flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg.

Il-Kunsillier Lauro Fava kien skuzat.**(Ara Dok. A)**

Is-Sindku Joe Zammit qara t-talba ta' qabel il-laqgha u wara ppresieda l-laqgha.

**Agenda**

Il-Kunsill mexxa fuq l-avviz li gie ppubblikat fl-10 ta' Mejju 2011. L-Agenda kienet:

- **01. Approvazzjoni tal-Minuti 11/K6/2011.**
- **02. Punti li johorgu mill-Minuti 11/K6/2011.**
- **03. Approvazzjoni tal-Minuti 12/K6/2011.**
- **04. Punti li johorgu mill-Minuti 12/K6/2011.**
- **05. Tqeghied ta' dokumenti u rapporti.**
- **06. Komunikazzjoni mis-Sindku u l-Kunsilliera.**
- **07. Mistoqsijiet.**
- **08. Korrispondenza.**
- **09. Kumitati Kongunti ta' l-LES u n-NHDJC.**
- **10. Attivitajiet Kulturali, Edukattivi u Socjali.**
- **11. Risposta ghall-Management Letter ta' l-Udituri.**
- **12. Rapport Annwali Amministrattiv 2010.**
- **13. Rizoluzzjoni Specjali 01/2011.**
- **14. Approvazzjoni tal-kontijiet.**
- **15. Materji ohra.**

## 01. Approvazzjoni tal-Minuti 11/K6/2011.

1.01. Is-Sindku Joe Zammit ippropona l-approvazzjoni tal-Minuti riferenza 11/K6/2011 kifipprezentati.

1.02. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

1.03. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 02. Punti li johorgu mill-Minuti 11/K6/2011.

2.01. B'riferenza ghall-**Minuti 11/K6/2011** item 2.02 u ghall-**Minuti 10/K6/2011** item 8.06 fejn il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli kien qal ukoll li l-kumpanija tal-Mc Donalds lesti wkoll li jghinu lill-lokal bi sponsors f'inizjattivi li jista' jiehu l-Kunsill, kif ukoll li l-Kunsill kien ircieva email (Rif: 46/2118/11/I) minghand is-sinjur jinforma lill-Kunsill biex jipprovdi lista t'attivitajiet li l-Kunsill jixtieq jorganizza u ghalhekk il-kelliem kien irrefera ghax-xoghol ta' embellishment mahsub li jsir fil-Gnien ta' San Patrizju fejn ippropona li l-Kunsill jitlob lill-kumpanija li tmexxi l-Mc Donalds biex tisponsorja xi xoghol f'dan il-gnien, is-Sindku Joe Zammit qal li ser issir stima fil-jiem li gejja tax-xoghol li hemm bzonn u wara ser tinkiteb ittra lil tal-Mc Donalds fejn jigu mitluba jekk jikkonsidrawx taht din l-iskema taghhom dan it-tip ta' sponsorship.

2.02. B'riferenza ghall-**Minuti 11/K6/2011** item 6.31 u ghall-korrispondenza numri **46/2227/11/I, 46/2239/11/I, 46/2245/11/I, 46/2258/11/I, 46/2259/11/I, 46/2260/11/I, 46/2338/11/I u 46/2339/11/I** fejn il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli responsabbli minn attivitajiet socjali u anke Jum Pembroke kien ippropona li l-Kunsill jifformola din is-sistema bhal m'ghandhom dawn il-Kunsilli biex jigu onorata dawk il-persuni/entitajiet li l-Kunsill jahseb li jixirqilhom gieh, is-Sindku Joe Zammit qal li fil-jiem li gejjien flimkien mal-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ser jiflu l-applikazzjonijiet tal-Kunsilli diversi li dahlu biex jaghzlu wahda li tkun addattat ghal Pembroke.

2.03. B'riferenza ghall-**Minuti 11/K6/2011** item 9.30 fejn is-Sindku Joe Zammit kien informa lill-Kunsill li l-Bord ta' l-Ghazla kien qed jirrakkomanda li **Kwotazzjoni 04/2011 – 2 Imwejjed ta' l-injam (picnic tables)** tinghata lill-kumpanija **M Quip Co. Ltd.** abbazi li l-offerta taghhom hija l-aktar wahda vantagguza u l-Kunsill kien japprova din ir-rakkomandazzjoni tal-Bord, is-Sindku Joe Zammit qal li wara l-laqgha mar-rapprezentanti tal-Korporazzjoni Enemalta (Internal Memo 39/2011) rigward id-dhul ghat-Tunnel l'iridu jaghmlu miz-zona tal-picnic area hdejn it-tennis courts, u wara li qablu mal-Kunsill li x'hin jitlesta l-progett jaghmlu embellishment taz-zona kollha nkluza bankijiet godda, ippropona li (A) Il-Kunsill jirrevoka d-decizjoni tieghu u ma jixtrix bankijiet godda - **Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda;** (B) f'San Patrizju jitwahhlu 5 bankijiet li ser jinqalghu mill-picnic area - **Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat;** (C) Il-flejjes li kienu ser jintefqu ghax-xiri tal-bankijiet jigu vvutati biex isir il-bazi tal-konkos ghal dawn il-bankijiet - **Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda;** (D) Il-bazi tal-konkos isir mill-kuntrattur tal-Kunsill J&K Contractors Ltd. skond ir-rati stabbiliti fil-kuntratt - **Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda** u (E) Il-Kunsill jitlob l-ghajnuna tal-Ministru George Pullicino biex jinqalghu bil-galbu dawn il-bankijiet u jigu ddepozitati fil-konfini tal-Kunsill - **Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.**

2.04. Il-Kunsill qabel unanimament fuq il-proposti kollha.

2.05. B'riferenza ghall-**Minuti 11/K6/2011** item 13.15 fejn il-Kunsillier Joe Brincat kien ippropona li tigi rrangata l-bieba tal-horza tal-bir li hemm fi Triq San Patrizju f'Pembroke, is-Sindku Joe Zammit qal li tkellem mal-General Manager tad-Desalination Unit ta' l-RO u ghalhekk ippropona li l-Kunsill ghandu jikteb lill-Inginier David Sacco biex tinghata din l-ghajnuna u titranga din il-bieba.

2.06. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

2.07. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 03. Approvazzjoni tal-Minuti 12/K6/2011.

3.01. Is-Sindku Joe Zammit ippropona l-approvazzjoni tal-Minuti riferenza 12/K6/2011 kif ipprezentati.

3.02. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

3.03. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 04. Punti li johorgu mill-Minuti 12/K6/2011.

4.01. Is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li ma kien hemm ebda punti pendenti.

## 05. Tqeghied ta' dokumenti u rapporti.

5.01. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg ipprezenta lill-Kunsill **Internal Memo 37/2011** b'rapport tal-Bord ta' l-Ghazla ta' Tender 02/2011, kwotazzjonijiet 12 sa 13/2011 u Faċilita' ta' Loan **(Ara dok B); Internal Memo 38/2011** b'rapport tal-Bord ta' l-Ghazla ta' Tender 03 u 04/2011 **(Ara dok C); Internal Memo 39/2011** b'rapport tal-laqgha li saret mal-Korporazjzoni Enemalta dwar il-progett tat-thaffir tal-mina **(Ara dok D); Internal Memo 40/2011** b'rapport tal-laqgha li saret bejn TM u l-Korporazzjoni Enemalta dwar il-progett tal-Park & Ride **(Ara dok E); Internal Memo 41/2011** b'rapport t'azzjonijiet mehuda bejn laqgha 11/K6/2011 u 13/K6/2011 **(Ara dok F); Internal Memo 42/2011** b'rapport tal-laqghat li saru bejn il-laqgha 11/K6/2011 u 13/K6/2011 **(Ara dok G)** u **Internal Memo 43/2011** b'rapport tal-Konferenza ta' l-ECAD li saret Varna, Bulgaria **(Ara dok H)**.

5.02. Is-Sindku Joe Zammit ghamel riferenza ghall-Internal Memo 43/2011 fejn ippropona li din ghandha tintbaghat lill-Kunsilli li kienu prezenti.

5.03. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

5.04. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 06. Komunikazzjonijiet mis-Sindku u l-Kunsilliera.

6.01. Is-Sindku Joe Zammit ghamel riferenza ghall-internal memos ipprezentati mis-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg. Il-kelliem informa lill-Kunsill li flimkien ma' Spetturi tas-Sanita' ghamlu zjara fi Blokk 1 San Patrizju fejn qal li z-zjara saret wara rapport li kien hemm hmieg li jaqa' mill-bjut u jsib ruhu fil-bir biswit dan il-blokk.

6.02. Is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li qabel bdiet l-ahhar laqgha tal-Kunsill, gew il-Kunsill is-sinjur/a Hili biex jitkellmu mal-Kunsill rigward il-kaxxa loading/unloading li saret quddiem il-Pembroke Hardware Store. Il-kelliem qal li huwa kien talab lis-sinjuri Hili biex jistennew sa mal-Kunsill ilesti l-laqgha. Wara l-laqgha s-sinjuri ghamlu l-intervent taghhom u talbu lill-Kunsill jindaga jekk kollox sarx sewwa skond ir-regolamenti u bhala residenti talbu li jkunu nfurmati kif jizvolgu l-affarijiet. Il-kelliem qal li l-Kunsill kien informa lis-sinjuri Hili li kien ser ikun qed jitlob

laqgha mal-Perit David Vassallo biex ikun iccarat sewwa ghall-beneficcju ta' kulhadd inkluz tal-Kunsill li din l-approvazzjoni saret fil-limiti tar-regoli stabbiliti mit-TM. Intant il-kelliem qal li huwa kien baghat email bil-kontenut tal-laqgha **(Riferenza: 46/2880/11/I u 46/2884/11/I).** Is-Sindku Joe Zammit qal li sadanittant il-Kunsill kien ircieva email minghand l-Avukat tas-sur Mario Abdilla rigward zvilupp fil-kwistjoni **(Ara korrispondenza 46/2987/11/I sa 46/3016/11/I)**.

6.03. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ghamlet riferenza ghall-allegazzjonijiet li jirrizulta li skond is-Sindku Joe Zammit saru mill-Familja Hili fuq kif inhareg il-permess lil Pembroke Hardware Store, fejn irrimarkat li meta jkun hemm laqghat ta' certu mportanza dawn ghandhom jigu rrekordjata wara li jintalab il-permess tal-persuni koncernata. Il-kelliema oggezzjonat ukoll li l-Familja Hili baghtet lill-Kunsill ritratt ta' studenti li kienu fil-propjeta' tas-sur Abdilla minghajr permess tal-persuni koncernata, liema ritratt jikser id-Data Protection Act.

6.04. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li l-laqgha li qed issir riferenza ghaliha ma kienetx ufficjali izda kienet informali u ghalhekk ma kienx hemm possibilita' ta' recording apparti l-fatt li huwa ma kienx prezenti.

6.05. Is-Sindku Joe Zammit qal li l-Kunsill qatt ma kien kontra t-talbiet li ghamel is-sur Abdilla ta' Pembroke Hardware Store. Fid-dawl ta' dan il-kelliem ippropona li l-Kunsill jitlob laqgha mal-Perit David Vassallo ta' TM sabiex jigi ccarat dan il-punt.

6.06. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

6.07. Il-Kunsill qabel unanimament.

6.08. Is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li flimkien mal-Vici Sindku Alfred Mazzitelli u s-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg kienu marru fuq il-post fi Triq Cocks biex jaraw ix-xoghol li bdew il-kuntrattur tal-Korporazzjoni Enemalta biex jinxteghlu z-zewg arbli li wahhal dan l-ahhar il-Kunsill.

6.09. Is-Sindku Joe Zammit qal li flimkien mal-Vici Sindku Alfred Mazzitelli u l-Kunsillier Joe Brincat kienu ltaqghu mar-residenti tat-Triq FX Caruana kif kien approva l-Kunsill fejn iddiskutew il-bzonn l'issir il-bankina mill-gdid kif approva l-Kunsill. Il-kelliem qal li r-residenti talbu biex il-Kunsill jaghmel studju sew u bir-reqqa ta' kif ser issir din il-bankina biex jibqghu igawdu l-access liberu ghall-propjeta' taghhom kif ilhom jaghmlu ghal dawn l-ahhar snin. Fid-dawl ta' dan il-kelliem ippropona li l-Kunsill jerga' jitlob lill-Perit Kevin Fsadni biex jaghmel visual survey sew ta' din il-bankina u jaghmel rapport lill-Kunsill bi stima tax-xoghol li hemm bzonn. Il-kelliem qal li s-sur Butters talab lill-Kunsill biex jikkonsidra l'issir tal-kantuniera tan-naha tieghu l-ewwel.

6.10. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

6.11. Il-Kunsill qabel unanimament.

6.12. Is-Sindku Joe Zammit qal li flimkien mal-Vici Sindku Alfred Mazzitelli u l-Kunsillier Joe Brincat iltaqghu mar-residenti ta' Blokk 5 Triq Walter Ganado fejn spjegawlhom iz-zewg skemi li harget l-Awtorita' tad-Djar fosthom il-manutenzjoni tal-komun. Il-kelliem qal li hadd ma kien interessat li jidhol biex ikun ir-rapprezentant.

6.13. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li nhar it-Tlieta 17 ta' Mejju 2011 saret laqgha mas-sur Brian Cardona ta' Electro Waste Ltd. dwar gbir ta' hwejjeg u craret ghar-riciklagg. Il-kelliem qal li ghall-laqgha kienu prezenti l-Vici Sindku Alfred Mazzitelli u l-Kunsillier Evelyn Vella Brincat. Is-sur Cardona nforma

lill-Kunsill li l-kumpanija tieghu hija licenzjata mill-MEPA ghal dan ix-xoghol u ghalhekk qed jahdmu fuq skema li perjodikament iduru l-lokalitajiet kollha fejn ikun hemm hin allokat fejn ir-residenti jkunu jistghu jiddepozitaw il-materjal taghhom. Il-kelliem offra wkoll li jigbru l-materjal mid-djar u dan fid-dawl li suppost hadd hlif il-kumpanija tieghu ma jistghu jigbru dan it-tip ta' materjal. Waqt il-laqgha l-Kunsillier Evelyn Vella Brincat irrakkomandat li l-kumpanija jkollhom Freephone ghall-beneficcju tar-residenti.

6.14. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ilmentat li meta terzi jkollhom laqghat mal-Kunsill dawn ghandhom ikunu fil-hin mhux bhal ma kien il-kaz ta' dan is-sinjur ta' din il-kumpanija li gie tard wisq. Fid-dawl ta' diskussjoni li saret fuq il-proposota, il-kelliema ipproponiet li l-Kunsill ma jidholx f'din l-iskema.

6.15. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

6.16. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 07. Mistoqsijiet.

7.01. Peress li ma kienx hemm mistoqsijiet is-Sindku Joe Zammit ghadda ghas-suggett li kien imiss.

## 08. Korrispondenza.

8.01. Fuq il-mejda tal-Kunsill qabel u waqt il-laqgha, kien hemm esebiti l-kontijiet, l-ilmenti u l-korrispondenza kollha li dahlet u harget bejn l-4 u t-18 ta' Mejju 2011 u dan ghas-sodisfazzjon tal-Kunsilliera.

**46/2581/11/I** 28/04/2011 Memo 39/2011 minghand id-Dipartiment ghall-Gvern Lokali dwar Playing Fields tal-Kunsilli Lokali b'taghmir li jista' jkun perikoluz.

8.02. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/2851/11/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li wara li l-Kunsill jircievi r-rapport dwar il-lokal, ghandha tissejjah laqgha ghar-residenti biex ikunu nfurmata.

8.03. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

8.04. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/2592/11/I** 29/04/2011 Ittra minghand l-Awtorita' tad-Djar jinfurmaw lill-Kunsill li ma jsibux oggezzjoni li jinqaleb id-dhul mal-hrug tal-garaxxijiet ta' Sit C u D sakemm ikun hemm qbil mas-sidien tal-garaxxijiet.

8.05. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/2592/11/I** il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ppropona li l-Kunsill ghandu jirranga d-dhul u l-hrug kif approvat mill-Awtorita' tad-Djar u dan wara li l-Kunsill jikseb l-approvazzjoni tal-maggoranza tas-sidien tal-garaxxijiet.

8.06. Is-Sindku Joe Zammit issekonda.

8.07. Il-Kunsill qabel unanimament.

8.08. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg staqsa lill-Kunsill kif il-Kunsill ser ikun jaf min huma s-sidien tal-garaxxijiet.

8.09. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli rrakkomanda li l-ittri jintefghu fil-garaxxijiet u ghalhekk kulhadd ikun infurmat u jinghataw data sa meta ghandhom jirrispondu.

**46/2600/11/I** 29/04/2011 Email minghand il-MEPA titlob li l-Kunsill jispecifika l-ismijiet tas-sigar li hemm bzonn li jinzabru fi Triq Suffolk.

8.10. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/2600/11/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li z-zbir li kien hemm bzonn sar u ghalhekk m'ghadx hemm bzonn il-permessi tal-MEPA.

**46/2716/11/I** 04/05/2011 Risposta minghand il-kuntrattur Philip Seguna ghad-Default Notice mahruga mill-Kunsill u qed jitlob li din tigi rtirata abbazi tal-kummenti tieghu.

8.11. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/2716/11/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-kuntrattur jigi nfurmat li d-default note ma tistax tigi rtirata ghax fid-default note kien hemm affarijiet li verament ma kienux saru meta nharget. Il-kelliem qal li minnaha l-ohra l-Kunsill jinnota b'sodisfazzjon li bosta minn nuqqasijiet indikati fid-default note gew irrangati. Is-Sindku Joe Zammit qal li rigward il-punt tal-'LITTER' kif imqajma mill-kuntrattur huwa jhoss li dan ghandu ragun kif spjegah u peress li ma hemmx qbil mill-Kunsilliera ppropona li l-Kunsill ghandu jitlob parir legali fuq dan il-punt. Il-kelliem ippropona ukoll li meta l-Kunsill jigi biex jaghti nformazzjoni lill-Kunsilli ohra rigward default notes li jkunu nhargu lill-kuntratturi, ghandu jkun iddikjarat li l-kuntrattur ha nota mill-ewwel tad-default note l'inharget u rranga ghas-sodisfazzjon tal-Kunsill dawk in-nuqqasijiet. Il-kelliem qal li l-Kunsill ghandu jikkunsidra jekk din l-iskip ghandiex terga' titpogga jew le.

8.12. Wara kummenti li saru mill-Kunsillier Evelyn Vella Brincat u l-Vici Sindku Alfred Mazzitelli fejn dan ta' l-ahhar irrimarka li l-kuntrattur suppost ikollu polza t'assigurazzjoni, is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-iskip nieqsa ghandha tigi mibdula minflok dik l-inharqet sa l-ahhar ta' Mejju 2011.

8.13. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

8.14. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg irrefera lill-Kunsill ghall-Artiklu 3 – Nature of Work tat-tender, liema artiklu juza l-kliem Waste u mhux Litter kif elenkat fl-ittra. Estratt – **(d)** The Waste Carrier is obliged to collect any waste accumulated within a 3 (three) metre radius of the location of any bins on wheels containing any waste situated within the locality u **(e)** The Waste Carrier is obliged to collect any waste accumulated within a 3 (three) metre radius of the location of any bring in site containing recycling waste situated within the locality. Upon such confirmation the Local Council should invoice the waste carrier of the bring-in-site the amount involved.

8.15. Il-mozzjoni ghaddiet ghall-vot fejn is-Sindku Joe Zammit, il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli u l-Kunsillier Joe Brincat ivvutaw favur filwaqt li l-Kunsillier Evelyn Vella Brincat astjeniet.

8.16. Il-mozzjoni ghaddiet.

8.17. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat irrimarkat li l-Kunsill ghandu jibqa' jeduka lir-residenti biex ma jiddisponux minn Bulky Refuse biswit l-iskips izda ghandhom jaghmlu uzu mis-servizz provdut minghajr hlas mill-Kunsill. Il-kelliema staqsiet ukoll dwar jekk l-iskip li kienet inharqet fi Triq Normandy regghetx tpoggiet. Il-kelliema qalet ukoll li hija kienet astjeniet minhabba li mhux dak kollu li kien hemm fid-default notice sar, izda ghad fadal affarijiet pendenti. Il-kelliema qalet li dan kollu qed jigri

minhabba li hija thoss li s-Sindku Joe Zammit qed imexxi l-Kunsill wahdu wara l'inhareg Default Notice minghajr ma kienu nfurmati l-membri kollha tal-Kunsill.

8.18. Is-Sindku Joe Zammit irrimarka li d-default note harget wara talba reali li ghamel il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli li flimkien mieghu kienu widbu lill-kuntrattur bin-nuqqasijiet imsemmija fid-default note u li ma kiser l-ebda regola meta ffirma d-default note.

**46/2718/11/I** 04/05/2011 Ilment minghand Ms. Anna Attard li ghandha garaxx f'Sit C tilmenta minn skart, ilma mahmug u dranagg li jinzel fil-garaxxijiet, skart kollu ggenerat mill-maisonettes ta' fuq il-garaxxijiet.

8.19. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/2718/11/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona l'ittri bhal dawn ghandhom jintbaghtu lill-Awtorita' u lis-Sanita' ghall-azzjoni wara li l-Kunsill jikseb il-kunsens ta' min ikun qed jaghmel l-ilment.

8.20. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

8.21. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/2835/11/I** 06/05/2011 Ittra minghnd l-Awtorita' tad-Djar jinfurmaw lill-Kunsill li, minn spezzjoni li saret jirrizulta li l-iskart li hemm f'Sit A qed jigi depozitat mir-residenti stess u ghandu jitnehha ladarba jsir ix-xoghol tal-landscaping, li l-offerti tieghu bhalissa jinsabu fl-istadju ta' l-evalwazzjoni.

8.22. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/2835/11/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li biex ir-residenti tal-blokk, specjalment dawk li ressqu l-ilment, jigu nfurmata b'din ir-risposta.

8.23. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

8.24. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/2836/11/I** 06/05/2011 Kwotazzjoni minghand Radisson Blu Resort St. Julians ghall-akkomodazzjoni tal-grupp tal-progett ta' l-EU OSDDT.

**46/2853/11/I** 06/05/2011 Kwotazzjoni minghand Westin Dragonara Resort ghall-akkomodazzjoni tal-grupp tal-progett ta' l-EU OSDDT.

**46/2871/11/I** 09/05/2011 Kwotazzjoni minghand Corinthia Marina ghall-akkomodazzjoni tal-grupp tal-progett ta' l-EU OSDDT.

8.25. B'riferenza ghall-korrispondenza numri **46/2836/11/I, 46/2853/11/I u 46/2871/11/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li dawn kienu ntbaghtu lid-delegati koncernati biex jaghzlu huma ghalkemm gew infurmata li l-Kunsill fil-passat kien ghamel uzu mis-servizzi tar-Radisson Blu.

8.26. Is-Sindku Joe Zammit staqsa f'hiex kienu waslu l-preparamenti ghal din il-laqgha.

8.27. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li ghalkemm baghat diversi emails lill-persuni koncernata mill-organizzazzjoni, s'issa ghadu ma sar xejn fuq il-laqgha li gejja u ghalhekk talab il-koperazzjoni ta' kulhadd sabiex ma jithalliex kollox ghall-ahhar mument.

8.28. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat inistiet li ghandha tintbaghat email kuljum f'kull hin lill-persuni koncernata sabiex jaghmlu x-xoghol li hemm bzonn.

**46/2843/11/I** 06/05/2011 Email minghand is-Sindku Joe Zammit jaghti struzzjonijiet lis-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg biex il-bankijiet approvati fil-laqgha precedenti ma jigux ordnata ghalissa minhabba zvilupp li ser ikun hemm bl-intervent tal-

Korporazzjoni Enemalta fejn hemm bzonn jinqalghu l-bankijiet tal-picnic area ta' Triq Tunis u ghalhekk dawn jistghu jitwahhlu f'St. Patricks u ma jkunx hemm il-htiega li jinxtraw ohrajn godda.

8.29. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/2843/11/I** is-Sindku Joe Zammit irrefera ghal dak diskuss aktar qabel.

**46/2844/11/I** 06/05/2011 Ilment minghand is-sur Anton Attard jitlob li ssir tabella ta' No U Turn fuq ic-centre strip ta' Triq Tunis kif ukoll li tinkixef tabella ohra li hemm mghottija bis-sigar tar-residenti.

8.30. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/2844/11/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li din it-tabella ssir kif ukoll li tittiehed azzjoni biex tinkixef it-tabella l-ohra.

8.31. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li hu ma kellux informazzjoni dwar ir-resident li ghandu xitel/sigar li qed jostakolaw it-tabella.

8.32. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

8.33. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/2864/11/I** 09/05/2011 Ittra minghand il-MEPA jinfurmaw lill-Kunsill li r-rampi tal-garaxxijiet mill-garaxx ghall-fuq il-bankina huwa suggett ghall-infurzar tal-MEPA filwaqt li rampi minn fuq il-bankina ghat-triq filwaqt li huma t'ostaklu ghat-traffiku ghandhom jigu riferuti lill-awtoritajiet ohra kompetenti.

8.34. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/2864/11/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill jibghat leaflet b'din l-informazzjoni lir-residenti kollha ghall-attenzjoni taghhom bhal ma sar b'informazzjoni ohra simili.

8.35. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

8.36. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/2882/11/I** 09/05/2011 Risposta minghand il-Korporazzjoni Enemalta jinfurmaw lill-Kunsill li l-installazzjoni ta' shades mhux soluzzjoni professjonali u m'ghandiex tigi nkoraggita izda ghandhom jinstabu mezzi alternattivi.

8.37. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/2882/11/I** is-Sindku Joe Zammit qal li din kienet ghall-informazjzoni tal-Kunsilliera.

**46/2902/11/I** 09/05/2011 Memo 43/2011 minghand id-Dipartiment ghall-Gvern Lokali dwar Skemi ta' Finanzjament Specjali ghas-Sena 2011.

8.38. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/2902/11/I** is-Sindku Joe Zammit qal li din kienet ghall-informazjzoni tal-Kunsilliera.

**46/2924/11/I** 10/05/2011 Email minghand il-Korporazzjoni Enemalta b'rapport tal-laqgha li saret dwar is-service shaft li ser isir b'konnessjoni mal-mina li ser tkun qed tithaffer fil-picnic area ta' biswit Triq Tunis.

8.39. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/2924/11/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill ma jsibx oggezzjoni.

8.40. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda u zied li l-Kunsill ghandu jaghmel kundizzjoni li qabel jinbeda x-xoghol, il-Korporazzjoni ghandha tara li tikseb il-permessi kollha necessarja ta' l-embellishment.

8.41. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/2925/11/I** Ittra minghand l-ETC jinfurmaw lill-Kunsill li b'effett minn nhar it-Tnejn 16 ta'

10/05/2011 Mejju gie assenjat mal-Kunsill is-sur Charlie Falzon taht l-iskema Xoghol fil-Komunita'.

8.42. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/2925/11/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li dan is-sinjur ma attendiex u s-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg ghamel ir-rapport kif mitlub.

**46/2966/11/I** 12/05/2011 Approvazzjoni minghand TM biex fi Triq Cocks tehel tabella – No Entry for Heavy Vehicles Except to Render a Service.

8.43. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/2966/11/I** il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ppropona li l-Kunsill jaghmel din it-tabella.

8.44. Is-Sindku Joe Zammit issekonda.

8.45. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/2967/11/I** 12/05/2011 Approvazzjoni minghand TM biex issir il-One Way System fi Triq il-Kurunell Lorenzo Manche' liema permess inghata ghal 3 xhur u wara trid terga' ssir applikazzjoni.

8.46. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/2967/11/I** is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li huwa kien ikkomunika ma' TM minhabba li l-permess hareg biss ghal perjodu ta' 3 xhur kif ukoll minhabba li l-parti ta' Triq Gabriele Henin ma kienetx inkluza kif kien talab u approva l-Kunsill.

8.47. Fid-dawl ta' dan is-Sindku Joe Zammit ippropona li dawn it-tabelli jigu ordnata wara li tinkiseb il-kjarifika mitluba halli jkunu jistghu jehlu kollha f'daqqa.

8.48. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

8.49. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/2970/11/I** 12/05/2011 Email minghand TM jinfurmaw lill-Kunsill li t-tarmak li ser isir fi Triq Alamein gie estiz konsiderevolment.

8.50. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/2970/11/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li kienet saret talba sabiex il-Kunsill ikun jaf sa fejn ezattament ser jigi estiz ix-xoghol.

8.51. Is-Sindku Joe Zammit qal li qabel bdiet il-laqgha tal-Kunsill, ikkomunika mieghu s-sur Konrad Pule' fejn infurmah li kienet ghaddejja laqgha fi TM dwar ix-xoghol li ser isir kif ukoll li sa ghada l-Hamis 19 ta' Mejju l-Kunsill ser jinghata d-dettalji kollha tax-xoghol li ser isir. Il-kelliem ippropona li jekk ma jkunx hemm twegiba konkreta, huwa jirriserva dritt l'issir il-Press Conference kif kien approva l-Kunsill f'laqghat precedenti.

8.52. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

8.53. Il-Kunsill qabel unanimament.

8.54. B'riferenza ghall-progett tal-Park & Ride, is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill japplika ma' TM biex iz-zona ta' Triq Gioacchino Le Brun, Triq Normandy, il-parkegg bisiwt Triq il-Battalja ta' Malta, Triq ir-Regimenti Maltin u Triq Tobruk kif ukoll iz-zona ta' Triq Patri Serafin Zarb u Triq Dun Guzepp Farrugia ilkoll jidhlu fl-iskema tar-Residenial Parking Scheme. Il-kelliem ippropona li l-istess ghandu jsir ghaz-zona ta' Triq il-Profs Walter Ganado, Triq Pietru D'Armenia u Triq l-Imhallef William Harding. Il-kelliem ippropona li ghandu jitqabbad il-Perit tal-Kunsill sabiex isir dak kollu necessarju kif ukoll li jigu nfurmata r-residenti koncernata. Finalment il-kelliem

ippropona li l-hinijiet ghandhom ikunu simili ghal dawk li diga jezistu fil-lokal fl-akwati tal-Luxol Grounds.

8.55. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

8.56. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/2974/11/I** 12/05/2011 Applikazzjoni PA 05443/10 ghal Rehabilitation of existing unused building (old stables), change of use to Red Cross Malta head office, construct toilets, garage for ambulances and construct boundary wall.

8.57. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/2974/11/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona l'issir laqgha mar-Red Cross Malta nhar it-Tlieta fis-1.00pm.

8.58. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

8.59. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/2975/11/I** 12/05/2011 Memo 44/2011 minghand id-Dipartiment ghall-Gvern Lokali bi Skema ta' Ghajnuna Finanzjarja ghall-Korsijiet Lifelong Learning.

8.60. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/2975/11/I** il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ipproponiet li l-Kunsill ghandu jiehu sehem f'din l-inizjattiva billi joffri li jsiru korsijiet fl-Ingliz baziku, fil-Malti baziku u Kompjuter baziku.

8.61. Is-Sindku Joe Zammit issekonda.

8.62. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/2987/11/I**
**46/2998/11/O**
**46/2999/11/I**
**46/3001/11/O**
**46/3002/11/I**
**46/3003/11/I**
**46/3004/11/O**
12/05/2011
**46/3012/11/I**
**46/3015/11/O**
**46/3016/11/I**
13/05/2011

Kopja ta' korrispondenza li saret bejn l-Avv. Ian Micallef ghan-nom tas-sur Mario Abdilla ta' Pembroke Hardware Store u l-Kunsill vis-a-vis it-talba ta' l-Avukat sabiex in-naha t'isfel tal-hanut isiru linji sofor sabiex ma jkunx ostakolat l-access ghall-parking bay fil-hanut.

8.63. B'riferenza ghall-korrispondenza numri **46/2987/11/I, 46/2998/11/O, 46/2999/11/I, 46/3001/11/O, 46/3002/11/I, 46/3003/11/I, 46/3004/11/O, 46/3012/11/I, 46/3015/11/O u 46/3016/11/I** is-Sindku Joe Zammit qal din kienet ghall-informazzjoni tal-Kunsilliera kif diga diskuss aktar qabel.

**46/3027/11/O** 13/05/2011 Email li l-Kunsill baghat lil TM dwar il-progett tal-Park & Ride fejn intalbu konferma tal-proposti li kienu gew diskussa xhur qabel.

8.64. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/3027/11/O** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li kien tkellem mas-sur Puli bit-telefon fil-prezenza tal-Vici Sindku Alfred Mazzitelli u tas-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg u tlabtu kjarifika sal-laqgha tal-lum.

8.65. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg qal li ghalkemm kien fil-vicinanza ma jistax jikkonferma x'kien intqal fuq il-mobile.

**46/3036/11/I** 16/05/2011 Ittra minghand Roccalumera jinfurmaw lill-Kunsill li l-progett ENVOY – European Network for Volunteers and Youth (Programme Europe for

Citizens 2007-2013) gie approvat u ser isir fuq perjodu ta' sentejn bl-involviment tal-Kunsill Lokali Pembroke u Kunsilli ohra barranin.

8.66. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/3036/11/I** il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ppropona li l-Kunsill fil-principju ghandu jippartecipa f'dan il-programm.

8.67. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat u ziedet li l-ewwel ser jarawh hija u l-Vici Sindku Alfred Mazzitelli halli wara jirrapurtaw lura lill-Kunsill.

8.68. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/3037/11/I** 16/05/2011 Ittra minghand Transport Malta jinfurmaw lill-Kunsill li minhabba cirkostanza partikulari li hemm dwar il-Pembroke Hardware Store, issa approvaw li titnehha l-Communal Un/Loading Bay u minflok issir yellow bay designating the keep clear space in front of a garage.

8.69. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/3037/11/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li din tigi attwata' wara l-laqgha li ser issir mal-Perit David Vassallo.

8.70. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

8.71. Il-mozzjoni ghaddiet ghall-vot fejn is-Sindku Joe Zammit, il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli u l-Kunsillier Joe Brincat ivvutaw favur filwaqt li l-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ivvutat kontra.

8.72. Il-mozzjoni ghaddiet.

8.73. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat oggezzjonat li l-Kunsill ma hax azzjoni u qed jagixxu b'mod timidu u jibza' jiehu decizjonijiet fuq dan il-kaz.

8.74. Is-Sindku Joe Zammit qal li dan mhux kaz ta' biza', izda biex l-affarijiet ikunu cari u jsiru kif suppost. Il-kelliem qal li wara kollox bhala Kunsill, il-Kunsill dejjem appoggja t-talbiet tas-Sur Mario Abdilla.

**46/3063/11/I** 17/05/2011 Email minghand il-European Commission fejn b'riferenza ghad-dokument ta' SEAP li ssottomessa l-Kunsill f'Gunju 2010 talbu nimlew x'informazzjoni li tinsab nieqsa.

**46/3102/11/I** 18/05/2011 Email minghand is-Sindku Joe Zammit fejn talab issir laqgha ma' min ghamel ir-rapport halli nistaqsuh li hemm bzonn li jigi rrangat/irrimedjat u nistaqsuh kemm tiswa l-laqgha/konsulta.

8.75. B'riferenza ghall-korrispondenza numri **46/3063/11/I u 46/3102/11/I** il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ppropona li dan is-suggett jigi diskuss fil-laqgha li jmiss.

8.76. Is-Sindku Joe Zammit issekonda.

8.77. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/3071/11/I** 17/05/2011 Email minghand is-Sinjura Josette Hili fejn baghtet ritratt ta' numru ta' studenti quddiem il-hanut tas-Sur Mario Abdilla u qed tilmenta jekk mhux ghalihom li sid il-hanut applika ghal un/loading bay u l-applikazzjoni ghat-tinda. Is-Sinjura Hili talbet biex titnehha Un/Loading bay ghax m'ghadx hemm problema ta' parkegg peress l'issa it-triq qed tinghalaq ghall-access ta' traffiku waqt il-hin ta' l-iskola.

**46/3101/11/I** 18/05/2011 Email minghand is-Sindku Joe Zammit fejn talab biex issir talba lil TM ghan-nom tar-residenta biex isir il-metru kull naha tal-garaxx tal-familja Hili.

8.78. B’riferenza ghall-korrispondenza numri **46/3071/11/I u 46/3101/11/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera kif diskuss aktar qabel.

**46/3077/11/I** 17/05/2011 Email minghand MedStrategy fejn informaw lill-Kunsill bil-progetti li hargu bl-isem Mediterranean Sea Basin Programme 2007-2013.

**46/3099/11/I** 18/05/2011 Email minghand is-Sindku Joe Zammit fejn talab ninfurmawh fuq dan il-programm specjalment fuq solar energy halli l-Kunsill jara x'jista’ jaghmel ta' gid ghall-lokal.

8.79. B’riferenza ghall-korrispondenza numri **46/3077/11/I u 46/3099/11/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

**46/3087/11/I** 17/05/2011 Email minghand l-iskola tal-Verdala fejn talbu l-permess tal-Kunsill biex jisselfu l-barriers tal-hadid li hemm fuq stores tal-Kunsill bejn l-20 u t-30 ta' Mejju 2011 bhala sigurta' ghat-tfal zghir waqt attivita' ta' arts festival li qed jorganizzaw gewwa l-Fortizza.

**46/3098/11/I** 18/05/2011 Email minghand is-Sindku Joe Zammit fejn informa l-Kunsill li ma jsib l-ebda oggezzjoni ghat-talba ta’ l-iskola biex jisselfu l-barriers tal-hadid.

8.80. B’riferenza ghall-korrispondenza numri **46/3087/11/I u 46/3098/11/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill ma jsibx oggezzjoni.

8.81. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda u zied li wara l-attivita’ dawn ghandhom jitpoggew fejn kienu.

8.82. Il-Kunsill qabel unanimament.

8.83. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ipproponiet li l-Verdala International School ghandhom jigu nfurmata li l-Kunsill ghandu Kunsillier responsabbli mill-Edukazzjoni u jkun apprezzat meta jkun hemm xi attivita’ tigi mistiedna wkoll.

8.84. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

8.85. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 09. Kumitati Kongunti ta’ l-LES u n-NHDJC.

9.01. Is-Sindku Joe Zammit irrefera lill-Kunsill ghall-Minuti ta’ l-ahhar laqgha tal-Kumitat Kongunt ta’ l-LES.

9.02. Is-Sindku Joe Zammit irrefera lill-Kunsill ghall-Minuti ta’ l-ahhar laqgha tal-Kumitat Kongunt ta’ l-LES fejn qal li f’din il-laqgha il-kelliem qal li kien skuzat u giet diskussa it-talba tal-Kunsill biex jehlu diversi CCTV cameras madwar Pembroke. Il-kelliem qal li kif kien mistenni din it-talba ma gietx milqugha u trid tigi mressqa u diskussa fir-Regjun il-gdid li mieghu Pembroke issa se jkun jaghmel parti. Ghaldaqstant il-kelliem qal li kif appena tohrog il-legal notice li beda jiffunzjona bid-delega tal-harsien tal-ligi din it-talba ghandha ssir lill-Kumitat Regjonali.

## 10. Attivitajiet Kulturali, Edukattivi u Socjali.

10.01. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ppropona li ghal Jum Pembroke il-Kunsill ghandu jitlob il-permess tal-Knisja sabiex isir uzu minn parti miz-zuntier tal-Knisja fejn hemm is-salib.

10.02. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

10.03. Il-Kunsill qabel unanimament.

10.04. Il-Kunsillier Joe Brincat ippropona li ghal Jum il-lokal, l-ex membri tal-Kunsill ghandhom jinghataw kopja tal-ktieb 'Pembroke – From a British Garrison to a Modern Town' l'ippubblika l-Kunsill.

10.05. Is-Sindku Joe Zammit issekonda.

10.06. Il-Kunsill qabel unanimament.

10.07. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li fl-opinjoni tieghu l-valur tal-kotba li se jitqassmu, ghandha titnaqqas mill-vot allokat ghal din l-attivita'.

10.08. Is-Sindku Joe Zammit qal li ma jaqbilx ma' l-interpretazzjoni tas-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg u ppropona li l-Kunsill jitlob il-parir tad-Dipartiment dwar din l-interpretazzjoni.

10.09. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

10.10. Il-Kunsill qabel unanimament.

10.11. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ipproponiet li l-Kunsill jikkomunika mal-lukandi tal-vicin u jintalbu jipprovdu lill-Kunsill sponsor f'ikel ghal Jum Pembroke.

10.12. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

10.13. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 11. Risposta ghall-Management Letter ta' l-Udituri.

11.01. Is-Sindku Joe Zammit ipprezenta lil-Kunsill kopja tal-Management Letter ta' l-Udituri kif ukoll risposta ghall-istess rapport. **(Ara dok I u J)** u ppropona l-approvazzjoni tar-risposta kif ipprezentata.

11.02. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

11.03. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 12. Rapport Annwali Amministrattiv 2010.

12.01. Is-Sindku Joe Zammit ipprezenta lil-Kunsill kopja tar-Rapport Annwali Amministrattiv ghas-sena 21010. **(Ara dok K)** u ppropona l-approvazzjoni tar-rapport kif ipprezentat.

12.02. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

12.03. Il-mozzjoni ghaddiet ghall-vot fejn is-Sindku Joe Zammit, il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli u l-Kunsillier Joe Brincat ivvutaw favur filwaqt li l-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ivvutat kontra.

12.04. Ir-rapport gie approvat.

## 13. Rizoluzzjoni Specjali 01/2011.

13.01. Is-Sindku Joe Zammit ippropona li tigi diskussa Rezoluzzjoin Specjali 01/2011. **(Ara dok L)**

13.02. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

13.03. Is-Sindku Joe Zammit ippropona l-approvazzjoni tal-mozzjoni kif prezentata. Il-kelliem qal li din il-mozzjoni kienet abbazi ta' kif kien ippropona fl-ahhar laqgha ghall-aktar fondi vvutati ghall-attendenza tal-Konferenza tal-ECAD li meta tpogga l-vot originali l-ewwel darba ma kienx vot sufficjenti. Il-kelliem qal li dawn il-flejjes ghandhom jinhargu minn dhul iehor specifikament mis-sistema ta' surplus ta' l-LES.

13.04. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

13.05. Il-mozzjoni ghaddiet ghall-vot fejn is-Sindku Joe Zammit, il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli u l-Kunsillier Joe Brincat ivvutaw favur filwaqt li l-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ivvutat kontra.

13.06. Il-mozzjoni giet approvata.

## 14. Approvazzjoni tal-kontijiet.

14.01. Is-Sindku Joe Zammit ressaq skeda ta' pagamenti ghad-diskussjoni. **(Ara dok M, N u O)**

14.02. Is-Sindku Joe Zammit ippropona l-approvazzjoni tal-kontijiet kollha kif ipprezentati ghajr tal-J&K Contractors sabiex dawn jilhqu jigu approvata mill-Perit tal-Kunsill.

14.03. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

14.04. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 15. Materji ohra.

15.01. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ippproponiet li waqt ir-ronda taghhom, il-Gwardjani Lokali ghandhom jivverifikaw li jkun hemm il-permessi mal-open skips li jkun hawn fil-lokal kif ukoll josservaw sabiex jittiehdu passi kontra minn qed jabbuza billi jiddepozita skart biswit il-Bins on Wheels u l-Bring In Sites.

15.02. Is-Sindku Joe Zammit issekonda.

15.03. Il-Kunsill qabel unanimament.

15.04. Wara komunikat li ghamel waqt il-laqgha mas-sur David Soler, is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li stickers ta' l-iskip ser isiru s'ghada l-Hamis 19 ta' Mejju 2011.

15.05. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat irrimarkat li hemm skart fuq is-sit tan-Non Urban off Triq Dun Amabile Sisner.

15.06. Is-Sindku Joe Zammit talab li jigi nfurmat il-kuntrattur Shawn Farrugia.

15.07. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat irrimarkat li fejn kien hemm il-kampijiet hemm hafna boroz mimlija skart li thallew minn ta' Adventure Camping.

15.08. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli qal li dawn thallew minn nies ohra li qed jaghmlu uzu mis-sit wara li telqu tal-kampijiet.

15.09. Is-Sindku Joe Zammit talab li jigi nfurmat il-kuntrattur Shawn Farrugia.

15.10. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat irrimarkat li qed ikun hemm water bowsers li qed jaghlqu l-access fit-toroq u pproponiet li jsir komunikat ma' min iqassam l-ilma biex dan ma jibqax isir.

15.11. Is-Sindku Joe Zammit issekonda.

15.12. Il-Kunsill qabel unanimament.

15.13. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ppropona li kif mixtieq fil-laqgha mar-residenti ta' Blokk 5 Triq Porfs Walter Ganado, il-Kunsill ghandu jikteb lill-Awtorita' tad-Djar dwar jekk dan isibx oggezzjoni li huma japplikaw biex jaghmlu gallarija fil-front tal-blokk minflok it-tieqa li ghandhom.

15.14. Is-Sindku Joe Zammit issekonda.

15.15. Il-Kunsill qabel unanimament.

15.16. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ppropona li l-Kunsill ghandu jikteb lill-Awtorita' tad-Djar biex issir laqgha maghhom halli l-Kunsill jara jekk il-postijiet f'Pembroke li huma fuq u isfel, jiffurmawx blokk individwali ghal kull bieb jew il-blokk kollu per se.

15.17. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

15.18. Il-Kunsill qabel unanimament.

15.19. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ppropona biex il-Kunsill jitlob kwotazzjonijiet ghal mawra f'Roccalumera.

15.20. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

15.21. Il-Kunsill qabel unanimament.

15.22. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ppropona li l-iskrivani ghas-spejjez tal-Kunsill ghandhom jinghataw mill-Kunsill 2 blouses ta' lewn ahmar sabiex jintlibsu fuq dublett/qalziet iswed. Il-kelliem ippropona ukoll li s-Segretarju Ezekuttiv ukoll ghandu jinghata zewg qomos ghas-spejjez tal-Kunsill ta' l-istess lewn (ahmar) sabiex jintlibsu bhala uniformi waqt il-hinijiet tax-xoghol.

15.23. Is-Sindku Joe Zammit issekonda.

15.24. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat qalet li fid-dawl li l-istaff kollu ha l-'full performance bonus', 'increments' u beneficcji ohra, qalet li dawn ghandhom jinxtraw minnhom apparti l-fatt li dawn qed jintuzaw minnhom stess u xorta wahda jkollhom bzonn jixtru x'jilbsu. Il-kelliema rreferiet ukoll ghall-istudenti li jkunu qed jaghmlu 'work practice' fejn qalet li dawn ghandhom jinghataw gwida dwar x'ghandhom jilbsu.

15.25. Il-mozzjoni ghaddiet ghall-vot fejn is-Sindku Joe Zammit u l-Vici Sindku Alfred Mazzitelli vvutaw favur, il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ivvutat kontra filwaqt li l-Kunsillier Joe Brincat astjena.

15.26. Il-mozzjoni ghaddiet.

15.27. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat qalet li hija vvutat kontra ghax ma taqbilx mal-kuncett li dawn jithalsu mill-Kunsill.

15.28. Il-Kunsillier Joe Brincat irrimarka li huwa astjena minhabba li ma qabilx li s-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg jkollu qmis hamra bhal ta' l-iskrivani minhabba li qal li ghandu jkun hemm distinzjoni bejn l-iskrivani u s-Segretarju Ezekuttiv, izda jaqbel li l-istaff ikollhom tops imhalsa mill-Kunsill.

15.29. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ppropona li l-Kunsill jorganizza coffee morning ghar-residenti. Il-kelliem qal li d-data u l-post jithabbru aktar tard.

15.30. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

15.31. Il-Kunsill qabel unanimament.

15.32. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ppropona li l-Kunsill jorganizza gurnata ghal Sqallija. Il-kelliem qal li d-data u l-operatur jithabbru aktar tard.

15.33. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

15.34. Il-Kunsill qabel unanimament.

15.35. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ppropona li l-Kunsill jorganizza gurnata ghal Ghawdex. Il-kelliem qal li d-data u l-post jithabbru aktar tard.

15.36. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

15.37. Il-Kunsill qabel unanimament.

15.38. Is-Sindku Joe Zammit ippropona li tintbaghat ittra lill-ewwel zewg residenti ta' Triq Normandy minhabba li qed jithalla hafna terrapien u trabijiet waqt li qed jaghmlu alterazzjoni tal-parapett taghhom.

15.39. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

15.40. Il-Kunsill qabel unanimament.

15.41. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ppropona li l-kuntrattur Shawn Farrugia ghandu jigi mitlub sabiex sa qabel l-ahhar tax-xahar (Mejju) jara li fiz-zoni kollha li hemm fil-kuntratt tal-parks & gardens jinzerghu fjuri ta' l-istagun kif ukoll li jsir ix-xoghol kif stipulat fil-kuntratt.

15.42. Is-Sindku Joe Zammit issekonda.

15.43. Il-Kunsill qabel unanimament.

15.44. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li l-PARKS kienu ghamlu spezzjoni tas-sigar li hemm biswit l-STC u issa nfurmaw lill-Kunsill bil-miktub li dawn ghandhom jinzabru sabiex ma jkunux ta' periklu u nkonvenjent.

15.45. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ipproponiet li jitqabbad il-kuntrattur Shawn Farrugia sabiex jinzabru u jinkera l-high up.

15.46. Is-Sindku Joe Zammit issekonda.

15.47. Il-Kunsill qabel unanimament.

15.48. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li hemm kurduna miksura fi Triq il-Kurunell Cocks kantuniera ma' Triq Salvatore Castaldi u fl-istess Triq kantuniera ma' Triq il-Beata Adeodata Pisani.

15.49. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ipproponiet li dan ix-xoghol isir mill-kuntrattur J&K Contractors Ltd.

15.50. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

15.51. Il-Kunsill qabel unanimament.

15.52. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli rrimarka li rega' sofra minn kummenti shan minn genituri hdejn l-iskola Primarja minhabba n-nuqqas tal-prezenza tal-Pulizija. Huwa qal li mhux ser ikun responsabbli jekk jinqala' xi haga minhabba li ta' sikwiet mhux qed ikun hemm Pulizija fl-akwati ta' l-iskola Primarja. Il-kelliem qal li hafna drabi meta jkun hemm Pulizija, il-karozzi xorta wahda qed jithallew jidhlu.

15.53. Is-Sindku Joe Zammit ghalaq il-laqgha fid-9.00pm wara li ntlahaq ftehim li l-laqgha li jmiss issir nhar l-Erbgha 8 ta' Gunju 2011 fil-5.30pm.

| | |
|---|---|
| Joe Zammit | Kevin Borg |
| ***Sindku*** | ***Segretarju Ezekuttiv*** |